# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 7**

**Avviz numru 646/01/SM**

**Maltacom plc.**

**vs**

**Saviour u Claire konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM389.96,0) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 488533 (skond kif jirrizulta mill-anness "statement Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond Sun Claire, Triq il-Gazzija, B'Kara u dana skond ma kif jidher mill-annessa kopja ta' ftehim markat Dok. B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra nterpellatorja datata 23 ta' Marzu, 2001 u tat-taxxa fuq id-drittijiet**

**professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fis-16 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**